# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru 2019**

**Numru 1**

**Appell Ċivili Numru 694/2011/1**

**Anthony Abela u martu Nadine Abela u Venues Company Limited (C 27160)**

***v.***

**Lombard Bank Malta p.l.c. u Ronald Cordina**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-prim'awla tal-qorti ċivili fit-13 ta' Novembru, 2013 li biha sabet illi l-ittra uffiċjali ppreżentata mill-bank konvenut fl-14 ta' April 2010 ġiet notifikata lilhom validament skont il-liġi u li konsegwentement l-istess ittra uffiċjali tagħti d-dritt lill-bank konvenut li jesegwixxi t-titolu eżekuttiv naxxenti mill-kuntratt datat it-12 ta' Settembru 2008 iffirmat bejn l-atturi u l-bank konvenut. L-ewwel qorti għalhekk ċaħdet it-talba tal-

istess atturi sabiex il-proċeduri ta' subbasta numru 35/11 fl-ismijiet Lombard Bank Malta p.l.c. *v.* Venues Company Limited jiġu dikjarati irriti u nulli.

2. Il-fatti relevanti li taw lok għall-proċeduri odjerni huma dawn: fl-14 ta' April 2010 il-bank konvenut Lombard Bank Malta p.l.c. ippreżenta ittra uffiċjali fil-prim'awla tal-qorti ċivili fil-konfront tas-soċjeta' attriċi Venues Company Limited bħala debitur prinċipali u l-atturi l-oħra Anthony u Nadine konjugi Abela bħala garanti solidali li permezz tagħha rrenda titolu eżekuttiv kuntratt ta' self datat it-12 ta' Settembru 2008. [1]

3. L-atturi jsostnu li l-ittra uffiċjali hawn fuq imsemmija ma ġietx notifikata validament lilhom skond il-liġi għaliex għalkemm tħalliet fl-indirizz ta' Villa Madama, triq birbal, Ħal Balzan i.e. fl-uffiċju reġistrat tas-soċjeta' attriċi Venues Company Limited, tħalliet ma' Michael Vella li kien "ħabib ta' xi impjegati" tal-istess soċjeta' attriċi u mhux ma' wieħed mill-impjegati tagħha.

4. Huma għalhekk fetħu l-proċeduri odjerni sabiex jitolbu lill-qorti jogħġobha:

> »i) Prevja li tiddikjara illi l-ittra uffiċjali ippresentata mill-bank konvenut fl-14 ta' April 2010 ma ġietx notifikata lill-atturi validament skond il-liġi, tiddikjara konsegwentement illi l-istess ittra uffiċjali ma tagħtix id-dritt lill-bank konvenut li jesegwixxi t-titolu eżekuttiv naxxenti mill-kuntratt datat 12 ta' Settembru 2008 iffirmat bejn l-atturi u l-bank konvenut.
>
> »ii) Konsegwentement tiddikjara irriti u nulli l-proċeduri ta' subbasta numru 35/11 fl-ismijiet Lombard Bank Malta p.l.c. vs Venues Company Limited appuntata għat-28 ta' Lulju 2011.

[1] Ara fol 6 tal-proċess.

»Bl-ispejjeż u l-konvenuti inġunti in subizzjoni.«

5. Il-bank konvenut Lombard Bank Malta p.l.c. wieġeb kif ġej għar-rikors promotur tal-atturi:

»1) Illi hemm qbil li l-Bank esponenti kien iffirma kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Angele Bezzina li jġib id-data tat-12 ta' Settembru 2008, pero' kuntrarjament għal dak li qed isostnu r-rikorrenti fl-ewwel u fit-tieni paragrafi tar-rikors odjern, id-debitur prinċipali kienet is-soċjeta' Venues Company Limited u l-garanti solidali kienu l-konjugi Anthony u Nadine Abela, kif wara kollox jirriżulta ictu oculi mill-ewwel faċċata tal-kuntratt li kopja tiegħu jifforma parti mid-dokument "A" eżebit mir-rikorrenti stess mar-rikors odjern;

»2) Illi dak li qed jingħad mir-rikorrenti fit-tielet, fir-raba u ħames paragrafi tar-rikors odjern mhuwiex kontestat;

»3) Illi huwa minnu li r-rikorrenti Anthony u Nadine konjugi Abela ma kienux għadhom ġew notifikati bl-ittra uffiċjali li ġġib id-data tal-14 ta' April, 2010 meta ġew intavolati l-proċeduri għal bejgħ b'subbasta tal-immobbli bin-numru 35/11 li hemm referenza għalihom f'paragrafu erbgħa (4) tar-rikors odjern, pero' huwa proprju minħabba dan il-fatt li l-istess proċeduri tas-subbasta ġew intavolati korrettement kontra s-soċjeta' Venues Company Limited biss u mhux kontra l-garanti solidali Anthony u Nadine konjugi Abela wkoll. Ġialadarba il-proprjeta' "Villa Madama" Birbal Street, Balzan tappartjeni lis-soċjeta' Venues Company Limited u tenut kont tal-fatt li din is-soċjeta' hija d-debitriċi prinċipali fir-rigward tal-Bank esponenti, in-notifika o meno tal-konjugi Abela li huma l-garanti solidali mhiex neċessarja għal fini tal-kostituzzjoni ta' titolu eżekuttiv fil-konfront tas-soċjeta' Venues Company Limited, u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

»4) Illi inoltre għandu jingħad li l-Bank esponenti mexa bil-prudenza meta għażel li jipproċedi għal bejgħ b'subbasta ta' proprjeta' waħda biss ipotekata favurih u cioe' il-fond Villa Madama, Triq Birbal, Balzan li tappartjeni lid-debitur prinċipali s-soċjeta' Venues Company Limited, liema soċjeta' ġiet debitament notifikata bl-ittra uffiċjali fis-26 ta' Mejju 2010, minflok stenniet li jiġu notifikati l-garanti solidali Anthony u Nadine konjugi Abela wkoll, biex b'hekk kien ikun f'posizzjoni li jipproċedi għal bejgħ b'subbasta tal-proprjeta' ta' dawn id-debituri garanti solidali ukoll, cioe l-"Villa" mibnija fuq Plot 386, fi Triq il-Palm, Santa Maria Estate, Mellieħa – dan bi skop li jevita spejjeż legali bla bżonn;

»5) Illi skond kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, r-rikorrenti Anthony u Nadine konjugi Abela fil-fatt ġew notifikati bl-ittra uffiċjali surreferita bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni, biex b'hekk illum il-Bank esponenti għandu titolu eżekuttiv kontra tagħhom ukoll;

»6) Illi wkoll kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, hija assolutament infondata l-allegazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti Venues Company Limited li ma ġietx validament notifikata, u dan fid-dawl tal-

fatt li fil-proċeduri li ġew intavolati quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Anthony Abela et vs Ronald Cordina et (Ċitazzjoni numru 381/10/RCP) deċiża fl-24 ta' Frar, 2011 (fejn il-Bank esponenti ġie kjamat in kawża) la s-soċjeta' rikorrenti, u lanqas l-garanti Anthony u Nadine konjugi Abela ma ssollevaw din il-kwistjoni tal-validita' tat-titolu eżekuttiv, u lanqas ma ħadu l-passi fl-istess żmien biex jintavolaw il-kawża li għoġobhom jintavolaw issa, bħalma f'dak l-istadju kienu ħadu kontra l-intimat l-ieħor Ronald Cordina;

»7) Illi l-liġi in virtu tal-artikolu 187(4)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tipprovdi b'mod lampanti illi n-notifika tal-att ġudizzjarju lil soċjeta' b'personalita' distinta ssir billi titħalla kopja tal-att fl-uffiċju reġistrat u għaldaqstant peress illi jirriżulta mill-kopja tal-ittra uffiċjali hawn fuq referita li dan ir-rikwisit ġie sodisfatt, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fil-paragrafi sebgħa (7) u tmienja (8) tar-rikors odjern huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

»Għaldaqstant il-Bank esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti togħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu, bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti, li huma nġunti għas-subizzjoni.

»Salvi eċċezzjonijiet oħra jekk ikun hemm bżonn.«

6. Il-konvenut Ronald Cordina imbagħad wieġeb kif ġej għar-rikors promotur tal-atturi:

»1. Fl-ewwel lok it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom stante illi l-esponenti kien ġie ammess fil-proċeduri ta' subbasta li tagħhom qegħda tintalab in-nullita' bħala kredituri eżekutanti u dan in forza ta' sentenza li l-esponenti ottjena fil-konfront ta' Anthony u Nadine konjugi Abela u Venues Company Limited li ġġib in-numru 414/2010 GCD deċiża fl-1 ta' April 2011, liema sentenza għaddiet inġudikat, u għalhekk, indipendentement mill-posizzjoni tal-bank konvenut Lombard Bank Malta plc, l-esponenti kellu kull dritt li jipprosegwi bil-bejgħ in subbasta u għaldaqstant in-nuqqas ta' titolu eżekuttiv allegata fil-konfront tal-bank konvenut m'għandiex tolqot u taffettwa lill-esponenti bħala kreditur tal-konvenuti solidament bejniethom li seta' f'kull każ jipproċedi u / jew jkompli l-proċeduri tal-bejgħ.

»2. Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jirriżulta illi fil-ġurnata li fih sar il-bejgħ bl-irkand tal-immobbli propjeta' tas-soċjeta' Venues Limited, l-istess soċjeta' kienet debitament notifikata bl-atti kollha relattivi fl-uffiċju reġistrat tagħha, u għalhekk kif ġia deċiż permezz ta' digriet fl-atti tal-bejgħ minn din l-Onorabbli Qorti diversement preseduta, in-notifika ta' l-ittra uffiċjali maħruġa mill-bank konvenut kienet valida u l-bejgħ bl-irkant b'ordni ta' l-istess Qorti prosegwa regolarment b'mod li ma jirrendix nulli l-proċeduri tal-bejgħ kif qegħdin jippretendu l-atturi;

»3. Fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet huma fondati fuq nuqqasijiet allegatament imputabbli lill-bank konvenut, u

għalhekk fi kwalunkwe każ l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjeż ta' din il-proċedura jew parti minnhom.

»4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»

7. L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-intimati u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

»Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrenti qed ifittxu dikjarazzjoni mill-Qorti li l-Bank intimat m'għandux dritt jesegwixxi titolu eżekuttiv fil-konfront tagħhom għaliex l-ittra uffiċjali li skattat il-proċeduri ta' eżekuzzjoni ma ġietx notifikata lilhom skont il-liġi.

»Il-Bank intimat isostni li l-ittra uffiċjali de quo ġiet debitament notifikata lis-soċjeta' Venues u l-proċeduri ta' bejgħ b'subbasta ġew intavolati kontra din l-istess soċjeta'.

»L-intimat l-ieħor, min-naħa l-oħra jsostni li l-pożizzjoni tal-Bank m'għandhiex ikollha ebda effett fil-konfront tiegħu stante li huwa ġie ammess fil-proċeduri ta' subbasta wara sentenza mogħtija favur tiegħu li għaddiet in ġudikat.

»Jirriżulta mill-atti tal-kawża illi fl-14 ta' April 2010, Lombard Bank Malta p.l.c. kienet ippreżentat ittra uffiċjali fil-Prim'Awla tal-Qorit Ċivili fil-konfront ta' Venues Company Limited bħala debitur prinċipali u Anthony u Nadine konjugi Abela bħala garanti solidali li permezz tagħha irrendiet titolu eżekuttiv kuntratt ta' self datat 12 ta' Settembru 2008. Kopja ta' din l-ittra uffiċjali u dokumenti annessi jinsabu esebiti in atti flimkien mal-atti tas-subbasta de quo. B'din l-ittra uffiċjali jidher li ġiet notifikata s-soċjeta' Venues, mentri l-konjugi Abela baqgħu ma ġewx notifikati (ara riferti a fol. 7 tal-proċess odjern). Wara dan il-proċess, il-Bank ipproċeda bil-bejgħ bis-subbasta ta' proprjeta' tas-soċjeta' Venues.

»L-Art. 187(4) jipprovdi testwalment illi:

»"(4) Fil-każ ta' korp li jkollu personalita' ġuridika distinta, in-notifika lil dak il-korp għandha ssir billi titħalla kopja tal-iskrittura:

»(a) Fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju prinċipali, tiegħu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew

»(b) F'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A (2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1)."

»Jirriżulta mir-riferta tal-marixxal illi s-soċjeta' Venues Company Limited ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali fl-indirizz Villa Madama, Birbal Street, Balzan, f'idejn ċertu Michael Vella li għandu karta tal-Identita' Nru. 345387(M). L-imsemmi Michael Vella ma jirriżultax li qatt kien reġistrat mal-ETC bħala impjegat tas-soċjeta'.

»Raymond Falzon marixxal li effettwa n-notifika tal-ittra uffiċjali xehed viva vice quddiem din il-Qorti u qal hekk:

»“Meta jkolli notifika ta’ soċjeta’ jiena mmur fl-indirizz mogħti lili f’dan il-każ kien Villa Madama, Triq Birbal, Ħaż-Żabbar u ssir in-notifika lil xi persuna hemmhekk li normalment tkun persuna li taħdem hemmhekk. L-ewwel li ma nagħmel nara li l-persuna li jkun hemm taċċettax l-att u nara wkoll ikunx qed jikkomunika mas-sid. Jekk jgħidli iva ngħaddilu l-att u nikteb ismu u l-id card. Jien niftakar li f’dan il-każ hekk għamilt. Ma tanix informazzjoni ħlief ismu u l-id card, Michael Vella meta nnotifikajtu bl-ittra. Li kieku ma aċċettahiex ma kontx se nħalliha f’idejn persuna li mhux qed taċċetta notifika. Naf illi l-ittra kont tajtha lil persuna f’kamra qisha bar fin-naħa tax-xellug. Kont sibtu wara l-bar. Niftakarha għaliex ma kienx ikolli ħafna.”

»Anthony Abela, ir-rikorrenti, jgħid hekk fl-affidavit tiegħu:

»“Jiena direttur tas-soċjeta’ Venues Limited. Din il-kumpanija topera l-fond Villa Madama, 160, Triq Birbal, Balzan.

»Mir-riċerki li għamilt mal-avukat tiegħi irriżultali li l-ittra uffiċjali li a bażi tagħha nbdiet is-subbasta li qed nikkontesta f’din il-kawża hija ittra uffiċjali li ġiet ippreżentata fl-14 ta’ April 2010. Din l-ittra hija parti mill-atti tas-subbasta li jien ippreżentajt kopja tagħhom mar-rikors ġuramentat. Mir-riferti f’din l-ittra uffiċjali jirriżulta illi din l-ittra fis-26 ta’ Mejju 2010 tħalliet fl-indirizz ta’ Villa Madama ma’ ċertu Michael Vella (ID 345387(M)). Nispjega illi dan Michael Vella mhuwiex impjegat tiegħi jew ta’ Villa Madama. Dan kien ħabib ta’ xi impjegati tiegħi li kelli dak iż-żmien u ġieli ġie jqatta’ ftit ħin hemmhekk.

»Ninsab sorpriż kif din l-ittra uffiċjali tħalliet f’idejh. Jien ċert illi dan qatt ma tani l-ebda att tal-Qorti.”

»Kif diġa’ ntqal, Michael Vella qatt ma kien reġistrat bħala impjegat ta’ Venues Limited. Madanakollu, din il-Qorti mhijiex qiegħda temmen il-verżjoni li qed jagħti r-rikorrenti li kien biss ħabib li nzerta kien hemm. Il-marixxal spjega dettaljatament fejn sabu u xi proċedura addotta biex ħalla l-ittra f’idejh. Ukoll, Anthony Abela ma jistax jitwemmen meta jgħid li Vella kien biss ħabib ta’ xi impjegati. Jirriżulta mid-dokumenti prodotti mix-xhud in rappreżentanza tal-ETC illi Venues ma kellha ebda impjegat reġistrat magħha f’dak il-perjodu għajr ir-rikorrent stess. L-uniku impjegat barrani li qatt kellha reġistrat magħha kien persuna waħda għal sena biss minn Jannar 2006 sa Frar 2007.

»Inoltre, din il-Qorti diversament presjeduta diġa’ kellha okkażżjoni tqis din in-notifika f’talba għas-sospensjoni tal-proċeduri tas-subbasta, liema talba ġiet miċħuda. Il-Qorti tinnota li f’dawk il-proċeduri, l-istess Michael Vella ġie deskritt bħala “ħabib tat-tfal tiegħu”, verżjoni oħra tal-pożizzjoni ta’ dan Michael Vella.

»Fl-istess proċeduri, il-Qorti nnotat ukoll:

»“Il-Qorti pero’ tirravisa illi din l-istess ittra uffiċjali intużat fil-proċeduri tas-Subbasta 88/2009 u għalkemm dawn il-proċeduri ġew dikjarati nulli, pero’, ir-raġuni ma kinitx in-nuqqas ta’ notifika u l-istess soċjeta’ rikorrenti qatt ma qajmet xi lment dwarha u pparteċipat f’dawk l-atti bi proċeduri biex iwaqqfu l-kompletazzjoni tas-subbasta.”

»Din il-Qorti tqis illi kieku Vella kien tassew sempliċement ħabib ta’ xi impjegati, kien jiġi prodott bħala xhud biex jikkonferma dan. Infatti qatt ma tressaq jixhed.

> »Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tqis li m'għandhiex tiskarta r-riferta tal-marixxal bħala mhux korretta. Ir-riferta ta' marixxal fi proċeduri ġudizzjarji hija s-sisien ta' kollox. Hija tikkristallizza fatt u titwarrab biss f'każ ta' provi inkonfutabbli, li f'dan il-każ ma nġabux lill-Qorti.»

8. L-atturi appellaw b'rikors tat-3 ta' Diċembru 2013 li għalih wieġeb il-bank konvenut Lombard Bank Malta p.l.c. fl-20 ta' Diċembru 2013.

9. Permezz ta' l-uniku aggravju tagħhom l-atturi appellanti jsostnu illi l-ewwel qorti waslet għal konklużjoni żbaljata meta ddikjarat li l-ittra uffiċjali in kwistjoni ġiet notifikata korrettement lis-soċjeta' appellanti. Skond huma l-provi prodotti juru biċ-ċar li Michael Vella ma kienx impjegat tal-istess soċjeta' appellanti fiż-żmien in kwistjoni u għalhekk ma jistax jingħad li l-ittra uffiċjali ġiet validament notifikata lilha. Jgħidu li konsegwentement l-atti konsegwenzjali għal tali ittra huma wkoll nulli.

10. Ifissru dan l-uniku aggravju tagħhom b'dan il-mod:

> »Illi l-ewwel Qorti ċċitat mix-xhieda mogħtija mill-marixxall inkarigat eżegwit bin-notifika ta' l-ittra uffiċjali in kwistjoni. Fil-fatt iċċitat is-segwenti bran mit-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu. B'referenza għall-persuna lil min innotifika ai fini ta' notifika tas-soċjeta' Venues Company Limited il-marixxall qal hekk:
>
>> »"Ma tanix informazzjoni ħlief ismu u l-id card, Michael Vella meta nnotifikajtu bl-ittra. Li kieku ma aċċettahiex ma kontx se nħalliha f'idejn persuna li mhux qed taċċetta notifika. Naf illi l-ittra kont tajtha lil persuna f'kamra qisha bar fin-naħa tax-xellug. Kont sibtu wara l-bar. Niftakarha għaliex ma kienx ikolli ħafna."
>
> »Illi a bażi ta' din l-informazzjoni u in vista tal-fatt li rriżulta, anke mix-xhieda mogħtija mir-rappresentant ta' l-ETC, li Michael Vella ma kienx impjegat ta' Venues Company Limited, żgur li ma jistax jitqies illi ġiet validament notifikata lis-soċjeta' Venues Company Limited. Konsegwentement kellu jirriżulta illi l-atti konsegwenzjali għal tali ittra huma wkoll nulli.«

11. Din il-qorti hija tal-fehma illi dan l-appell tal-atturi appellanti huwa kompletament frivolu u vessatorju. Minn analiżi tal-provi kollha prodotti jirriżulta biċ-ċar illi n-notifika tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' April 2010 tal-bank konvenut Lombard Bank Malta p.l.c. saret validament u skond il-liġi. Għalkemm Michael Vella – dak li rċieva l-ittra uffiċjali in kwistjoni għan-nom tas-soċjeta' appellanti – qatt ma kien reġistrat mal-ETC bħala impjegat tagħha, din il-qorti hija konvinta li kien, fil-fatt, jaħdem mal-istess soċjeta' u dan prinċipalment minħabba s-segwenti raġunijiet:

    i. Kif qalet l-ewwel qorti l-marixxal li kien innotifika lill-istess Michael Vella – Raymond Falzon – "spjega dettaljatament fejn sabu u xi proċedura addotta biex ħalla l-ittra f'idejh" u kkonferma bil-ġurament mhux biss li dan kien jinsab ġewwa l-uffiċċju reġistrat tas-soċjeta' appellanti iżda kkonferma wkoll li hu kien "wara l-bar;" [2]

    ii. Kien l-istess Michael Vella li ddeċieda li jaċċetta li jirċievi l-att ġudizzjarju in kwistjoni għan-nom tas-soċjeta' appellanti wara li kkonferma lill-marixxal Raymond Falzon li kien qiegħed f'kuntatt mas-soċjeta' appellanti.

12. Minbarra dan, din il-qorti tinnota diversi inkonsistenzi fil-verżjoni mogħtija mill-appellanti dwar min, fil-fatt, kien Michael Vella. Fl-affidavit tiegħu l-attur appellant Anthony Abela jiddikjara bil-ġurament li Michael Vella m'huwiex impjegat tiegħu jew ta' Villa

[2] Fol 80 tal-proċess.

Madama iżda kien ħabib ta' xi impjegati tiegħu li kellu dak iż-żmien u ġieli kien iqatta' ftit ħin hemmhekk. [3] Madanakollu, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti, fil-proċeduri l-oħra li ġew intavolati mill-atturi appellanti għas-sospensjoni tal-proċeduri tas-subbasta, l-istess Michael Vella ġie deskritt bħala "ħabib tat-tfal tiegħu" u mhux "ħabib ta' xi impjegati tiegħu" kif iddikjara fil-proċeduri odjerni.

13. Il-fatt fih innifsu li Michael Vella ma kienx reġistrat mal-ETC bħala impjegat tas-soċjeta' appellanti wkoll ma jfissirx neċessarjament li ma kienx jaħdem mal-istess soċjeta'. Kien, fil-fatt, l-istess attur appellant li ddikjara bil-ġurament li Michael Vella kien ħabib ta' xi impjegati tas-soċjeta' appellanti iżda mid-dokumenti prodotti mix-xhud in rappreżentanza tal-ETC irriżulta li s-soċjeta' appellanti ma kellha ebda impjegat reġistrat magħha f'dak il-perjodu ħlief l-attur appellant innifsu.

14. Din il-qorti taqbel ukoll mal-osservazzjoni tal-ewwel qorti meta qalet illi "kieku Vella kien tassew sempliċement ħabib ta' xi impjegati, kien jiġi prodott bħala xhud biex jikkonferma dan." [4] Min jallega jrid jipprova, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern l-allegat fatt li Michael Vella ma kienx impjegat tas-soċjeta' appellanti ma ġiex sodisfaċentement ippruvat. Bil-kuntrarju, l-provi prodotti juru biċ-ċar illi dan kien jaħdem mas-soċjeta' appellanti.

---

[3] Ara fol 38 tal-proċess.
[4] Ara fol 106 tal-proċess.

15. Għaldaqstant, u għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, din il-qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-atturi appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata tal-ewwel qorti tat-13 ta' Novembru, 2013 *in toto*.

16. Billi din il-qorti tħoss li dan l-appell huwa wieħed frivolu u vessatorju tordna li l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' dan l-appell jitħallsu mill-atturi appellanti għal darbtejn a tenur tal-artikolu 223(4) tal-kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta. L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif ordnat l-ewwel qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr